# ID-DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZOJNI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/88

**tas-26 ta' Jannar 2021**

**li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/570 fir-rigward tal-kapaċitajiet tar-rescEU fil-qasam tal-inċidenti kimiċi, bijoloġiċi, radjoloġiċi u nukleari**

*(notifikata bid-dokument C(2021) 313)*

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili ([1]), u b'mod partikolari l-punt (g) tal-Artikolu 32(1) tagħha,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni 1313/2013/UE tistabbilixxi l-qafas legali tar-rescEU. Ir-rescEU hija riżerva ta' kapaċitajiet fil-livell tal-Unjoni li għandha l-għan li tipprovdi assistenza f'sitwazzjonijiet predominanti fejn il-kapaċitajiet eżistenti fil-livell nazzjonali u dawk impenjati mill-Istati Membri għar-Riżerva Ewropea ta' Protezzjoni Ċivili ma jkunux jistgħu jiżguraw rispons effettiv għal diżastri naturali u dawk maħluqa mill-bniedem.

(2) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/570 ([2]) tistabbilixxi l-kompożizzjoni inizjali tar-rescEU f'termini ta' kapaċitajiet u r-rekwiżiti ta' kwalità tagħha. Bħalissa, ir-riżerva rescEU tikkonsisti f'kapaċitajiet għat-tifi tan-nar fil-foresti mill-ajru, l-evakwazzjoni medika mill-ajru, timijiet mediċi ta' emerġenza u l-ħażna ta' tagħmir mediku u/jew tagħmir protettiv personali.

(3) F'konformità mal-Artikolu 12(2) tad-Deċiżjoni 1313/2013/UE, il-kapaċitajiet tar-rescEU għandhom jiġu ddefiniti billi jitqiesu r-riskji identifikati u dawk emerġenti, il-kapaċitajiet kumplessivi u l-lakuni fil-livell tal-Unjoni. Dak l-Artikolu jistabbilixxi wkoll it-tliet oqsma li r-rescEU għandha tiffoka fuqhom b'mod partikolari, jiġifieri t-tifi tan-nar fil-foresti mill-ajru, ir-rispons mediku ta' emerġenza u l-inċidenti kimiċi, bijoloġiċi, radjoloġiċi u nukleari ("CBRN").

(4) Analiżi tar-riskji identifikati u emerġenti kif ukoll tal-kapaċitajiet u l-lakuni fil-livell tal-Unjoni tiżvela l-ħtieġa għal kapaċitajiet ta' dekontaminazzjoni tar-rescEU fil-qasam tal-inċidenti kimiċi, bijoloġiċi, radjoloġiċi u nukleari.

(5) Il-kapaċità ta' dekontaminazzjoni żviluppata taħt rescEU għandha tkun kapaċi tirrispondi għal xenarji kimiċi, bijoloġiċi, radjoloġiċi u nukleari. Kapaċità CBRN sħiħa jkollha l-vantaġġ li tkun kapaċi tirrispondi għal sitwazzjonijiet li jinvolvu taħlita ta' aġenti u b'hekk tipprovdi għal skjerament effettiv b'diversi aspetti.

(6) Filwaqt li l-kompitu primarju tal-kapaċità ta' dekontaminazzjoni CBRN taħt rescEU għandu jkun id-dekontaminazzjoni minn aġenti kimiċi, bijoloġiċi, radjoloġiċi u nukleari tal-infrastruttura, bini, vetturi, tagħmir u evidenza kritika, il-kapaċità tista' tinkludi wkoll id-dekontaminazzjoni xierqa tal-persuni affettwati, inklużi l-imwiet.

(7) Skont l-Artikolu 12(4) tad-Deċiżjoni 1313/2013/UE, ir-rekwiżiti ta' kwalità għal kapaċitajiet ta' reazzjoni li jiffurmaw parti minn rescEU għandhom jiġu stabbiliti wara konsultazzjoni mal-Istati Membri.

(8) Il-kapaċitajiet għad-dekontaminazzjoni CBRN għandhom jiġu stabbiliti biex jirrispondu għal riskji ta' probabbiltà baxxa b'impatt għoli, f'konformità mal-kategoriji tal-ispejjeż eliġibbli msemmija fl-Artikolu 3e tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/570 u wara konsultazzjoni mal-Istati Membri.

([1]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 924.

([2]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/570 tat-8 ta' April 2019 li tistabbilixxi r-regoli għall-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-kapaċitajiet tar-rescEU u li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/762/UE (ĠU L 99, 10.4.2019, p. 41).

(9) Sabiex tingħata għajnuna finanzjarja mill-Unjoni għall-iżvilupp ta' kapaċitajiet ta' dekontaminazzjoni CBRN bħal dawn skont l-Artikolu 21(3) tad-Deċiżjoni 1313/2013/UE, jenħtieġ li jiġu definiti il-kostijiet totali stmati tagħhom. Jenħtieġ li l-kostijiet totali stmati jiġu kkalkulati billi jitqiesu l-kategoriji tal-kostijiet eliġibbli stabbiliti fl-Anness IA ta' dik id-Deċiżjoni.

(10) Għalhekk jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/570 tiġi emendata skont dan.

(11) Il-miżuri pprovduti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat li jissemma fl-Artikolu 33(1) tad-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/570 qiegħda tiġi emendata kif ġej:

(1) L-Artikolu 2 qiegħed jiġi emendat kif ġej:

(a) (i) Il-paragrafu 1 huwa emendat kif ġej:

(i) ir-raba' inċiż huwa sostitwit b'dan li ġej:

"- kapaċitajiet ta' ħażniet mediċi,";

(ii) Jiġi miżjud il-ħames inċiż li ġej:

"- kapaċitajiet fil-qasam ta' inċidenti kimiċi, bijoloġiċi, radjoloġiċi u nukleari."

(b) il-paragrafu 2 huwa emendat kif ġej:

"(i) il-punt (f) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(f) il-ħażna ta' kontromiżuri mediċi jew ta' tagħmir protettiv personali li għandu l-għan li jiġġieled it-theddid transkonfinali serju għas-saħħa, kif imsemmi fid-Deċiżjoni 1082/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*);

(*) Id-Deċiżjoni Nru 1082/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat- 22 ta' Ottubru 2013 dwar theddid transkonfinali serju għas-saħħa u li tħassar id-Deċiżjoni Nru 2119/98/KE (ĠU L 293, 5.11.2013, p. 1).";

(ii) jiżdied il-punt (g) li ġej:

"(g) kapaċitajiet ta' dekontaminazzjoni kimika, bijoloġika, radjoloġika u nukleari (CBRN)."

(2) Fl-Artikolu 3e, il-paragrafi 3 u 4 għandhom jinbidlu b'dan li ġej:

"3 il-kapaċitajiet ta' rescEU msemmija fil-punti (c) sa (g) taħt l-Artikolu 2(2) għandhom jiġu stabbiliti bl-għan li jimmaniġġjaw riskji ta' probabbiltà baxxa b'impatt għoli. L-assistenza finanzjarja tal-Unjoni għandha tkopri kull spiża neċessarja biex tiżgura d-disponibbiltà u l-iskjerabbiltà tagħhom, f'konformità mal-Artikolu 21(4) tad-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE.

4. Meta l-kapaċitajiet ta' rescEU msemmija fil-punti (c) sa (g) taħt l-Artikolu 2(2) jiġu skjerati skont il-Mekkaniżmu tal-Unjoni, l-assistenza finanzjarja tal-Unjoni għandha tkopri 100 % tal-ispejjeż operazzjonali, f'konformità mal-Artikolu 23(4b) tad-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE.";

(3) għandu jiddaħħal l-Artikolu 3f li ġej:

*"Artikolu 3f*

**Stima tal-ispejjeż totali tal-kapaċitajiet ta' dekontaminazzjoni CBRN tar-rescEU**

1. Il-kategoriji tal-ispejjeż kollha msemmija fl-Anness IA tad-Deċiżjoni 1313/2013/UE għandhom jitqiesu fil-kalkolu tal-ispiża totali stmata tal-kapaċitajiet tar-rescEU ta' kumulazzjoni ta' riżerva medika.

2. Il-kategorija msemmija fil-punt 1 tal-Anness IA tad-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE tal-kost totali stmat għal kapaċitajiet ta' dekontaminazzjoni CBRN għandha tiġi kkalkulata abbażi tal-prezzijiet tas-suq applikabbli fiż-żmien meta l-kapaċitajiet jinkisbu, jingħataw b'kiri jew jinkrew f'konformità mal-Artikolu 12(3) tad-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE. Meta l-Istati Membri jiksbu, jikru jew jagħtu b'kirja l-kapaċitajiet tar-rescEU, huma għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni evidenza dokumentata tal-prezzijiet attwali tas-suq jew, fejn ma jkunx hemm prezzijiet tas-suq għal ċerti komponenti ta' dawk il-kapaċitajiet, evidenza ekwivalenti.

3. Il-kategoriji msemmija fil-punti 2 sa 8 tal-Anness IA tad-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE tal-kost totali stmat għall-kost totali stmat tal-kapaċitajiet ta' dekontaminazzjoni CBRNM għandha tiġi kkalkulata darba matul il-perjodu ta' kull qafas finanzjarju pluriennali, b'kont meħud tal-informazzjoni disponibbli lill-Kummissjoni, inkluża l-inflazzjoni. Dan il-kost għandu jintuża mill-Kummissjoni biex tipprovdi għajnuna finanzjarja annwali.

4. Il-kost totali stmat msemmi fil-paragrafi 2 u 3 għandu jiġi kkalkolat fejn mill-inqas Stat Membru wieħed jesprimi interess biex jakkwista, jagħti k'kirja jew jikri tali kapaċità rescEU.";

(4) l-Anness huwa emendat skont l-Anness għal din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, is-26 ta' Jannar 2021.

*Għall-Kummissjoni*
Janez LENARČIČ
*Membru tal-Kummissjoni*

*ANNESS*

Fl-Anness, qiegħda tiżdied it-Taqsima 7 kif ġej:

‘7. **id-dekontaminazzjoni kimika, bijoloġika, radjoloġika u nukleari**

| | |
|---|---|
| Kompiti | — Dekontaminazzjoni minn aġenti kimiċi, bijoloġiċi, radjoloġiċi u nukleari tal-infrastruttura, bini, vetturi, tagħmir, evidenza kritika jew persuni affettwati, inklużi l-imwiet. |
| Kapaċitajiet | — Kapaċità ta’ dekontaminazzjoni adegwata għall-infrastruttura, il-bini, il-vetturi, it-tagħmir u l-evidenza kritika;<br>— Jekk il-kapaċità tkopri d-dekontaminazzjoni ta’ persuni, kapaċità adegwata ta’ dekontaminazzjoni għal mill-inqas 200 persuna ambulanti fis-siegħa u 20 persuna mhux ambulanti fis-siegħa kif ukoll fatalitajiet;<br>— Ħila ta’ dekontaminazzjoni minn sustanzi kimiċi industrijali tossiċi komuni, aġenti tal-gwerra rikonoxxuti, aġenti infettivi bijoloġiċi (patoġeni) u tossini, u radjunuklidi;<br>— Ħila ta’ ħolqien ta’ faċilitajiet temporanji ta’ dekontaminazzjoni f’raġġ sikur, li jissorvelja ż-żona ta’ dekontaminazzjoni sabiex l-ambjent tax-xogħol jinżamm sikur u li jevalwa l-effettività tad-dekontaminazzjoni. |
| Elementi prinċipali | — Tagħmir xieraq, teknoloġija u soluzzjonijiet xierqa għad-dekontaminazzjoni minn sustanzi kimiċi industrijali tossiċi komuni, aġenti tal-gwerra rikonoxxuti, aġenti bijoloġiċi infettivi (patoġeni) u tossini u radjunuklidi;<br>— Tagħmir xieraq għall-monitoraġġ tal-progress tal-operazzjonijiet ta’ dekontaminazzjoni;<br>— Tagħmir u persunal xieraq biex iwettaq dekontaminazzjoni tal-infrastruttura, bini, vetturi, tagħmir, evidenza kritika u kapaċitajiet;<br>— Jekk il-kapaċità tkopri d-dekontaminazzjoni ta’ persuni, tagħmir u persunal xieraq biex iwettqu dekontaminazzjoni ta’ persuni ambulanti u mhux ambulanti;<br>— Kapaċità u proċeduri xierqa għall-monitoraġġ taż-żona ta’ dekontaminazzjoni biex l-ambjent tax-xogħol jinżamm sikur u biex tiġi vverifikata l-effettività tad-dekontaminazzjoni;<br>— Tagħmir protettiv personali xieraq biex jopera b’mod sikur f’ambjent ikkontaminat għall-perjodu ssħiħ tal-użu;<br>— Sistema ta’ ppumpjar u kontenituri adegwati biex jieħdu l-ilma lokalment;<br>— Sistema u proċeduri sikuri u siguri għall-ġestjoni tal-iskart matul u wara d-dekontaminazzjoni, inklużi soluzzjonijiet ta’ konteniment għall-ħżin temporanju u sikur ta’ skart ikkontaminat, pompi, fdalijiet tal-kombustjoni tal-iskart, ilma kkontaminat u tagħmir għat-trattament tal-ilma mormi. L-immaniġġjar tal-iskart perikoluż, inkluż l-ilma kkontaminat u prodotti sekondarji oħra, se jitwettaq skont ir-regolamenti rilevanti tal-Unjoni jew internazzjonali, jew il-leġiżlazzjoni tan-nazzjon ospitanti, skont liema tkun l-aktar stretta u bl-appoġġ tan-nazzjon ospitanti. |
| Awtosuffiċjenza | — Japplika l-Artikolu 12(1) u (2) tad-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni 2014/762/UE;<br>— Ħila ta’ dekontaminazzjoni tal-persunal proprju tal-kapaċità. |
| Skjerament | — Disponibbiltà għat-tluq sa mhux aktar minn 12-il siegħa wara l-aċċettazzjoni tal-offerta.<br>— Ħila li jinżammu l-operazzjonijiet għal mill-inqas 14-il jum kontinwu.’. |